A.L. 279 tal-2010

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

Regolamenti ta' 2010 li jemendaw ir-Regolamenti li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet ghad-Depożitu ta' Kull Skart u Radam

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9 u 10 ta' l-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Ambjent, il-Prim Ministru wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u l-Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti li jemendaw ir-Regolament dwar id-Drittijiet ghad-Depożitu ta' Kull Skart u Radam, u ghandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Regolament dwar id-Drittijiet ghad-Depożitu ta' Kull Skart u Radam, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 382 tal-2009.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu (b) tas-subregolament (2) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) għal kull skart li jiġi depożitat f'siti tal-iskart pubblici minn jew f'isem entitajiet oħrajn, ghandhom jitqiesu li daħlu fis-sehh fl-1 ta' April 2010.".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, ghandu jidhol dan ir-regolament ġdid li ġej:

"3. Minflok ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan ir-regolament ġdid li ġej:

"8. Kull persuna li tarmi radam ġo sit ta' skart pubbliku, għandha tħallas l-ammont ta' € 3.21 eskluża t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, lill-entità tal-gvern li tkun ġiet fdata bir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni ta' strateġija dwar l-immaniġġar ta' l-iskart għal kull tunnellata metrika ta' radam li jintrema:

Iżda skart domestiku li jiġi depożitat f'siti pubbliċi għall-iskart kif indikat f'punt 7 sa 11 ta' Skeda B minn persuna individwali li tkun iġġenerat dak l-iskart, huwa eżenti mill ħlas tal-ammont imsemmi.".".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

4. Skeda B li tinsab f'regolament 7 tar-regolamenti principali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-kliem "Siti pubbliċi ghall-Iskart fuq l-Art" għandhom jidħlu il-kliem "I - Siti Pubbliċi ghall-Iskart fuq l-Art"; u

(b) minnufih fi tmiem il-punt 14 għandha tidħol din il-parti ġdida li ġejja:

"II - Siti fil-Baħar

Żona ta' depożitu ghal materjal skavat b'raġġ ta' madwar 350 metru biċ-ċentru tagħha f'Latitudni 35°55.1´N u Lonġitudni 14°34.0´E.".